# IL-KTIEB MALTI. MALTI?

Fl-1987 f'Malta (jew dwar Malta jew minn Maltin) ġew ippubblikati 426 ktieb [1]. Minn dawn 54% biss kienu bil-Malti. Kważi l-oħrajn kollha kienu bl-Ingliż.

Meta nqabblu dan ma' l-istatistika li tat Lillian Sciberras[2] għas-snin 1983-1984, nsibu li l-perċentwali niżlet b'għaxra bil-mija. Biss irridu nsemmu wkoll li fl-1987 ġew stampati 426 ktieb waqt li 597 ktieb ġew stampati fl-1983 u l-1984 f'daqqa. Dan ifisser li għalkemm il-perċentwali ta' kotba bil-Malti naqset, in-numru ta' kotba stampati huwa akbar.

Il-Bibljografija Nazzjonali taqsam ix-xogħlijiet f'għaxar taqsimiet. It-taqsimiet li l-aktar ipproduċew fl-1983 – 84 kienu x-xjenzi soċjali (29% tat-total), ir-reliġjon (23%) u l-letteratura li pproduċiet 20%. Fl-1987 l-ewwel żewġ oqsma saru importanti. Il-kotba reliġjużi, fil-fatt kienu jinkludu 31% tal-produzzjoni kollha tal-kotba, filwaqt li x-xjenzi soċjali pproduċew 30%. Il-qasam letterarju minn 20% niżel għal 12%. Fil-fatt il-Bibljografija tniżżel 50 ktieb f'din il-kategorija, meta bejn l-1983 u l-1984 niżżlet 122. Jidher illi filwaqt li n-numru ta' kotba qed jiżdied, il-kotba tal-letteratura mhux jiżdiedu bl-istess rata, anzi qed jonqsu.

Aktar minn 70% tal-kotba letterarji jew dwar il-letteratura li ħarġu fl-1987 kienu bil-Malti. Fost dawn ta' min isemmi l-pubblikazzjoni ta' xogħlijiet qodma, bħal *Barunissa Maltija* ta' Frendo de Mannarino[3], *Nies bla Sabar u Stejjer Oħra* ta' Temi Zammit[4] u *Il-Ktieb tal-Poeżija Maltija*[5]. Dawn il-kotba jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-qarrejja Maltin xogħlijiet li jkunu ilhom li dehru (jew li qatt ma ġew stampati f'kotba). Biss għadd ġmielu ta' xogħlijiet bħal dawn għadhom jistennew xi pubblikatur kuraġġuż. Ngħidu aħna mit-traduzzjoni ta' Erin Serracino Inglott tad-*Divina Commedia*, il-*Purgatorju* u l-*Ġenna* qatt ma ħarġu minkejja li l-*Infern* jidher li kien popolari meta deher fl-1964. It-traduzzjoni tal-Bibbja ta' Saydon qatt ma ġiet ippubblikata kollha. Il-ħrejjef ta' Patri Manwel Magri[6] ilhom ma jidhru aktar minn għoxrin sena, għad li l-popolarità tagħhom (biex ma nitkellmux dwar il-valur storiku kbir li għandhom fil-letteratura Maltija) tidher mill-fatt li sikwit jidhru f'xi antoloġija.

Problema li għandu l-ktieb Malti hija li ftit huma l-kotba li jiġu stampati aktar minn darba ukoll meta ma tibqax issibhom għall-bejgħ. Barra minn hekk, jidher li ħafna drabi jkun hemm dewmien fl-istampar stess tal-kotba. Għalkemm Erin Serracino Inglott jidher li lesta x-xogħol kollu fuq *Il-Miklem Malti*[7] għad fadal volum li ma ġiex ippubblikat. L-ewwel volum tad-dizzjunarju ta' Aquilina[8] deher snin wara li deher ir-riklam fil-gazzetti.

Ħaġa oħra li ddejjaqna naraw fil-kotba Maltin hija n-numru kbir ta' żbalji ta' l-ortografija u tat-tipa li sikwit ikun hemm. Biss irridu ngħidu li fl-aħħar snin il-kwalità teknika tal-pubblikazzjonijiet tjiebet ġmielha.

Jekk nerġgħu nduru għall-Bibljografija ta' l-1987 nindunaw li fil-qasam tal-letteratura, ir-rumanz bil-Malti huwa popolari ħafna. Il-fatt li ħafna minn dawn ir-rumanzi ġew ippubblikati mid-djar kummerċjali l-aktar stabbiliti juri li mal-qarrejja jmorru tajjeb. Jidher ukoll li r-rumanz huwa għodda siewja għat-tixrid ta' l-ideoloġija, kif juri r-rumanz ta' Ġużè Chetcuti[9]

li wassal is-Sensiela Kotba Soċjalisti għat-22 pubblikazzjoni tagħha fi ftit snin. Bl-istess kriterji ngħidu, bħala regola, li l-poeżija m'għandhiex bejgħ, għax kollezzjoni waħda biss ta' poeżija ġdida (minn xi tnax) ġiet stampata minn pubblikatur ewlieni[10]. Ħafna mill-bqija huma kotba ta' ftit paġni ppubblikati mill-awtur stess.[11]

Qasam ieħor tal-pubblikazzjonijiet fejn il-Malti jiddomina hu tal-kotba reliġjużi. Fil-fatt 86% ta' dawn il-kotba kienu bil-Malti. Ta' min ifaħħar, per eżempju, l-inizjattiva tad-dar tal-pubblikazzjonijiet tal-MUSEUM li ppubblikat bil-Malti sensiela ta' 52 ktieb mill-isbaħ għat-tfal imsejħa *Storja tal-Bibbja*. Dawn il-kotba oriġinarjament ġew ippubblikati bl-Ingliż fl-istess sena.[12] Fil-fatt jidher li t-traduzzjoni għall-Malti hija fenomenu interessanti fil-letteratura reliġjuża. Ngħidu aħna, minkejja li l-enċiklika *Redemptoris Mater* issibha għall-bejgħ fil-verżjoni Ingliża, fl-1987 ħarġu żewġ edizzjonijiet tagħha bil-Malti.[13]

Il-kotba għat-tfal huma importanti ħafna għall-futur tal-ktieb bil-Malti. Jidher li l-pubblikaturi kummerċjali ewlenin huma konxji ħafna ta' din l-importanza. Minbarra l-Merlin li tippubblika l-aktar kotba tat-tfal, kemm il-Klabb Kotba Maltin kif ukoll Buġelli ppubblikaw għadd ta' kotba. Matul l-1987 beda jaħdem ukoll il-Klabb Kotba Sagħtar, immexxi mill-MUT.

Dan l-artiklu bl-ebda mod ma jgħid kull ma hemm xi tgħid dwar il-kotba Maltin. Mill-Bibljografija Nazzjonali ma nistgħux nikkonkludu b'ċertezza liema kotba l-aktar qed jinqraw. Il-Bibljografija (u sa fejn nafu aħna ebda sors ieħor) ma tgħidx kemm ġew stampati kopji ta' kull ktieb. Barra minn hekk il-kotba stampati f'Malta mhux l-uniċi li jinqraw fil-pajjiż. Sakemm issir statistika ta' kemm jiġu impurtati kotba kull sena, ma nistgħux ngħidu kemm mill-kotba li jinqraw f'Malta huma kotba Maltin bil-Malti.[14]

NOTI

1. *Il-Bibljografija Nazzjonali ta' Malta 1987* (Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, 1988) Dan it-total jinkludi għadd żgħir ta' kotba li ħarġu fis-snin ta' qabel iżda li għal xi raġuni jew oħra ma waslux għand il-kompilaturi qabel.
2. Sciberras L., *A Marketing Tool for the Information Industry: Malta and its National Bibliography* (University of London 1986).
3. Frendo de Mannarino, Salvatore, *Barunissa Maltija*, daħla ta' Oliver Friggieri (Associated News 1986).
4. Zammit Temi, *Nies bla Sabar u Stejjer Oħra* miġburin minn Toni Cortis; bi studju ta' Oliver Friggieri (Merlin 1987).
5. Friggieri Oliver, *Il-Ktieb tal-Poeżija Maltija*/żewġ volumi/(Klabb Kotba Maltin 1987).
6. Magri Manwel S.J., *Ħrejjef Missirijietna* (Problemi tal-Lum 1967, 68).
7. Fid-daħla tiegħu, għall-ewwel volum ta' *Il-Miklem Malti* (KKM 1975) l-awtur igħid: "U dan kollu ried iż-żmien... sa ma xogħli wasal fit-tmiem ftit snin ilu! Imbagħad feġġ quddiemi l-babaw ta' l-istampa! Ma nafx kemm ħabbatt bibien..." It-tmien volum ħareġ fl-1984.
8. Aquilina Ġużè, *Maltese – English Dictionary: Vol 1 A - L* (Midsea Books 1987).
9 Chetcuti Ġużè, *Qabel telgħet ix-Xemx* (Dipt. tat-Tagħrif, Partit tal-Ħaddiema 1987).
10. Fenech Victor, *Sangraal* (Bugelli 1987).
11. Ara dak li tgħid Sciberras (op. cit. pġ. 27) "...most poetry... suffers from a limited market anyway, but the consequent reluctance by booksellers to display or even stock such titles makes the effort of producing them even more problematic and fraught with difficulties."
12. Frank Penny, Ismijiet differenti fis-sensiela *Storja tal-Bibbja* 1-52 (Librerija Preca 1987). Il-verżjoni oriġinali Ingliża kienet ippubblikata minn Lion Publishing 1987.
13. Edizzjoni minnhom ġiet tradotta minn Ġużeppi Lupi u maħruġa mill-Media Centre. L-edizzjoni l-oħra ma fihiex min ippubblikaha imma ġiet stampata fl-istamperija *Il-Ħajja*.
14. Ara Sciberras (op. cit.) pġ 36.

Ħajr lil V. Magri u lil L. Sciberras u l-bqija tal-Bord Editorjali tal-Bibljografija Nazzjonali ta' Malta.

***Adrian Grima u Marco Galea***